DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 70/2009

tad-29 ta' Mejju 2009

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftheim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 50/2009 tas-24 ta' April 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1056/2008 tas-27 ta' Ottubru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim

(3) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1057/2008 tas-27 ta' Ottubru 2008 li jemenda l-Appendiċi II tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 dwar iċ-Ċertifikat ta' Reviżjoni tal-Adegwatezza għall-Avjazzjoni (EASA Formola 15a) ([3]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda fil-punt 66q (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003):

"— **32008 R 1056**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1056/2008 tal-27 ta' Ottubru 2008 (ĠU L 283, 28.10.2008, p. 5)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 66p (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003):

"— **32008 R 1057**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1057/2008 tas-27 ta' Ottubru 2008 (ĠU L 283, 28.10.2008, p. 30)."

Artikolu 2

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 1056/2008 u 1057/2008 fil-lingwa Iżlandiza u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-30 ta' Mejju 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ([*]).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 162, 25.6.2009, p. 31.
([2]) ĠU L 283, 28.10.2008, p. 5.
([3]) ĠU L 283, 28.10.2008, p. 30.

([*]) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.